# QORTI TA' L-APPELL

## (APPELL MIT-TRIBUNAL GHAT-TALBIET TAL-KONSUMATUR)

**ONOR JOSEPH SAID PULLICINO, B.A., LL.D. - PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 16 ta' Marzu, 2001**

**Numru 2**

**Avviz Nru. 2/00**

**Carmel Mangion**

**vs**

**Louis Zahra**

Fit-23 ta' Mejju, 2000, it-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur ta s-segwenti decizjoni f'kaz li fih ir-rikorrent talab danni minghand l-intimat rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' spray:-

"It-Tribunal,

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fis-16 ta' Lulju, 1999, fejn ir-rikorrenti talab danni ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' spray fuq il-vettura GAJA78 liema xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.

L-intimat ipprezenta risposta ghal din it-talba.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u Joseph Grixti wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li hu l-istess intimat u Natalino Agius kif ukoll Mario Sacco bhala espert imqabbad mit-Tribunal u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti ha l-vettura tieghu sabiex tigi sprejjata liema xoghol sar hazin tant illi ghandha tigi sprejjata mill-gdid u l-hsarat huma billi l-ispray huwa "Peeling and Cracking" f'diversi postijiet, il-hgieg huwa migruf, iz-zebgha ghandu "Orange Peel Effect", hemm diversi "Crater Marks" u hemm ukoll sadid.

2. L-intimat issottometta illi x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti u l-"Peeling and Cracking" ma jirrizultax tort tieghu, il-hgieg ma girfux hu, l-"Orange Peel Effect" l-intimat ammetta, il-"Crater Marks" huwa rizultat tad-differenza fit-"Thinner" waqt li s-sadid ma huwiex it-tort tieghu.

3. It-Tribunal jinnota r-rapport ta' William Cassar Torreggiano ghalkemm ma xehedx kif ukoll ix-xhieda ta' Natalino Agius u jasal fil-konkluzzjoni li l-intimat kellu xi nuqqasijiet fix-xoghol tieghu pero' it-Tribunal jinnota wkoll illi r-rikorrenti ma jridx isewwi ghand l-istess intimat.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa' it-talba tar-rikorrenti in parte u jordna l-intimat ihallas l-ammont ta' mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm120) bl-ispejjez kontra l-istess intimat".

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Ir-rikorrent Carmel Mangion appella minn din is-sentenza u kkontesta l-quantum tad-danni likwidat mit-Tribunal. Hu jsostni illi kellu johrog car

mill-atti tal-kawza li d-danni sofferti minnu kienu fil-fatt aktar mill-ammont tal-kompetenza ta' l-istess Tribunal, u cioe', hames mitt lira (Lm500). Fir-rikors ta' l-appell tieghu huwa nfatti jitlob li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li l-ammont li kellu jigi kkundannat ihallas l-intimat appellat Louis Zahra lill-appellant, kellu jkun dak ta' Lm500, u cioe', l-massimu konsentit fil-kompetenza ta' dak it-Tribunal.

Dan l-appell hu manifestament insostenibbli ghaliex l-aggravju ma jinkwadrax ruhu f'dawk il-kazijiet limitati fejn kien konsentit appell lil din il-Qorti minn decizjoni tat-Tribunal. Infatti ma hemm xejn x'jindika fid-decizjoni jew fl-atti processwali li d-decizjoni kienet tmur kontra d-dettami tal-gustizzja naturali. Indubbjament l-appellant inghata smiegh xieraq quddiem it-Tribunal, u kellu l-opportunita' li jipprezenta l-kaz tieghu u jipproduci l-provi. Lanqas jirrizulta li d-decizjoni tat-Tribunal kienet ippregudikat b'mod gravi l-jeddijiet tieghu, kif rikjest mill-artikolu 22 ta' l-Att li waqqaf it-Tribunal tal-Konsumatur.

Mill-banda l-ohra, kuntrarjament ghal dak li ssottometa l-appellant, it-Tribunal jidher li ghamel apprezzament tal-provi prodotti mill-kontendenti u wasal ghall-konkluzzjoni li, filwaqt li verament ix-xoghol ezegwit fil-vettura tar-rikorrent mill-intimat ma kienx tal-livell mixtieq, b'dana kollu hu ma setghax jaddebita d-danni kollha reklamati minnu ghal dan ix-xoghol difettuz. L-arbitru nfatti identifika cirkostanzi li, fil-

fehma tieghu, kienu jimmitigaw il-quantum tad-danni, inkwantu irravviza kontibutorjeta' ghalihom minn fatturi li kienu ghal kollox estraneji ghall-operat ta' l-intimat.

Dan l-apprezzament ta' fatt kien jimporta wkoll ezercizzju ta' ekwita' pjenament fil-kompetenza ta' l-arbitru u din il-Qorti ma ssibx raguni ghaliex kellha tiddisturba dan l-apprezzament tal-provi. Dan specjalment konsidrat illi appell mid-decizjoni ta' l-istess arbitru hu biss konsentit ghal ragunijiet stretti u limitati li l-ligi tispecifika kif fuq accennat.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata. L-ispejjez tal-prim'istanza jibqghu kif gia decizi mill-Arbitru, u dawk ta' dan l-appell kellhom ikunu kollha a karigu tar-rikorrent appellant.

Dep/Reg

mm